**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Ġunju, 2024**

**Talba Nru: 41/2024MD**

**Strand Palace Agencies Limited (C-3838)**

**Vs**

**Ritianne Callus (ID 439077M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-26 ta' Frar, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attrici talbet li l-konvenuta tħallas l-ammont ta' elf, sebgħa u disgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżimu (€1097.98) rappreżentanti ammont dovut lis-soċjeta' attriċi għall-merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lil konvenuta ġewwa Gianluca's Restaurant, Mosta, bl-ispejjeż tal-preżenti, tal-ittra uffiċjali maħruġa skont l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġġib in-numru 944/2020, u bl-imgħax legali mis-7 ta' Lulju, 2016, data tal-aħħar fattura sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta ppreżentata fit-8 ta' Mejju, 2024[2] fejn il-konvenuta eċċepiet:

1. Illi din hija r-risposta għat-talba tas-soċjeta' attriċi, fejn qiegħda titlob l-ammont ta' elf, sebgħa u disgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżimu (€1097.98) rappreżentanti

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 7 *et seq* tal-process.

allegat ammont dovut lis-soċjeta' attriċi għall-merkanzija minnha mibjugħa u kkonsenjata lil konvenuta ġewwa Gianluca's Restaurant, Mosta;

2. Illi l-esponenti hija tal-umli fehma illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi għandhom jiġu respinti għax huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

   Għaldaqstant, l-esponenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

   Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra d-dokumenti li ġew esebieti in atti.

Ral-ammissjoni tal-konvenuta rreġistrata mir-rappreżentant legali tagħha fuq il-kawża hekk kif imressqa fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2024[3].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkunsidra l-ammissjoni inkundizzjonata tal-konvenuta, li saret mir-rappreżentant legali tagħha, għat-talbiet kollha imressqin fil-konfront tagħha mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidra li r-rappreżentanti legali tal-partijiet, fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2024,[4] qablu illi it-Tribunal jagħti sentenza fis-sens illi l-ammont dovut flimkien mal-ispejjeż u imgħaxijiet għandhom jitħallsu mil-konvenuta b'rati mensili ta' mhux anqas minn mija u ħamsin ewro (€150) fix-xahar mid-data tal-lum b'dan illi l-ewwel pagament qed isir seduta stante, bil-pagamenti hekk magħmulha jiġu kkreditati l-ispejjeż wara l-imgħax sal-lum u wara dan jibda jiġi kreditat is-*sorte*. Is-soċjeta' attriċi tobbliga ruħha li ma titlobx għal-ħruġ tal-mandati eżekuttivi diment illi l-pagamenti ikunu qed isiru kif miftiehem. Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjeta' attriċi tkun intitolata mingħajr il-ħtieġa għal ebda formalitajiet oħra illi tipproċedi bil-ħruġ tal-mandati eżekuttivi. Kull pagament fix-xahar għandu jkun kull 28 tax-xahar b'effett mit-28 ta' Ġunju, 2024.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni reġistrata mill-istess konvenuta, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi kif dedotta u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta sabiex tħallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf, sebgħa u disgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżimu (€1097.98) rappreżentanti ammont dovut lis-soċjeta' attriċi għall-merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lil konvenuta ġewwa Gianluca's Restaurant, Mosta, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża, inkluż l-ispejjez tal-ittra uffiċjali 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bin-numru 944/2020 u bl-imgħax legali mis-7 ta' Lulju, 2016

---

[3] *A fol* 9 *et seq* tal-proċess

[4] *Ibid*

sal-21 ta’ Mejju, 2024, b’dana li s-sorte flimkien mal-ispejjeż u imgħaxijiet għandhom jitħallsu mil-konvenuta b’rati mensili ta’ mhux anqas minn mija u ħamsin ewro (€150) kull 28 tax-xahar, b’effett mit-28 ta’ Ġunju, 2024, bl-ewwel pagament li sar fis-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2024, u bil-pagamenti hekk magħmulha jiġu kreditati l-ispejjeż wara l-imgħax sal-21 ta’ Mejju, 2024 u wara dan jibda jiġi kreditat is-*sorte*, u fin-nuqqas ta’ pagament is-soċjeta’ attriċi tkun intitolata mingħajr il-ħtieġa għal ebda formalitajiet oħra illi tipproċedi bil-ħruġ tal-mandati eżekuttivi.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**